**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 34**

**IL-HAMIS 20 TA’ MARZU 2014 FIL-5.00PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| DR. JUSTIN FENECH | VICI –SINDKU |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| ALEX CHETCUTI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER – 6.55pm |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| CARMEN SAID | KUNSILLIER |

Il-Kunsillier P. Fenech ma setax jkun prezent minħabba ragunijiet ta’ mard u l-Kunsillier R. Rossignaud kien assenti.

**IS-SINDKU QAL IT-TALBA**

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-Minuti tas-Seduti Nru.32 u Nru.33 ġew approvati. Is-Sindku ppropona u l-Kunsillier C. Said issekondat.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

1. Il-Kunsillier A. Curmi rrefera għas-sistema ta' 2 way li riċentament ġiet implimentata fi Triq il-Miġbed. Il-Kunsillier reġa' fakkar li huwa qabel li din is-sistema tigi implimentata għal xahar wieħed hekk kif ġiet approvata mit-Transport Malta sakemm ma jintilfux spazji għal parkeġġ.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is- Sindku ppreżenta rapport idettaljat dwar il-ħidma li wettaq f' dan l-aħħr jiem. F'dan ir-rapport hemm minżżel ukoll diversi laqgħat li s-Sindku kellu (App.A).

2. Rigward is-servizz li hu pjanat li jibda' jingħata lir-residenti mid-Dipartimet tas-Servizzi Socjali fil-Kunsill, is-Sindku staqsa sabiex jekk hu possibli l-Ministru responsabli minn dan id-Dipartimet tiġi tinawgura dan is-servizz li se jibda' jingħata b'xejn lir-residenti. Is- Segretarju Eżekuttiv ħa l-inakirgu li jikkomunika ma' l-uffiċċjali nkarigati dwar din il-materja.

3. Huwa nforma wkoll li fil-jiem li għaddew, huwa iltaqa' mal-Kunsillier M. Abela u l-ħaddiema tal-Kunsill fil-bini l-ġdid ta' Ċentru Ċiviku sabiex jiġi spejegat aħjar kif se jitqassmu l-kmamar peress li l-ispazju hu kemmxejn limitat. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż sabiex jekk hu possibli issir laqgħa mad-Direttur Cini nhar it-Tnejn li ġej f' nofs in-nhar.

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

Mill-Kunsillier M. Abela

1. Il-Kunsillier infurmat li resident staqsieha sabiex jekk hu possibli tiġi mqaddsa ta'spiss quddiesa fil-Kappella tal-Madliena. Hija nfurmat li dan ir-resident lest li huwa stess jixtri l-affarijiet meħtieġa u dawn jibqgħu fil-Kapella. Hija ħadet l-inkairigu li tikkomunika mal-Kappillan.

2. Hija nfurmat li kellha kuntatt ma' St. John Rescue Group dwar l-Adventure Park li huwa maħsub li jsir fil-viċinanza tal-fortizza. Dan il-proġett jista' jiġi ffinanzjat minn skema ta' fondi li fil-preżent hemm available, pero' għal dawn il-fondi trid issir applikazzjoni on first come first served basis. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li din il-materja tista' tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena.

HUGH ZAMMIT
SEGRETARJU EŻEKUTTIV

NOEL MUSCAT
SINDKU

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI –ikomplu**

Mill-Kunsillier A. Curmi

1. Il-Kunsillier ssuġerixxa biex mill-aktar fis il-ħaddiema manwali ingaġati mal-Kunsill jduru mat-toroq tal-lokalita' sabiex fejn jaraw t-tabelli doppji tat-twissija tal-klieb jiġu maqlugħa peress li qed jiġi nnutat li hemm ħafna minnhom viċin xulxin. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkairgu li jinforma lill-ħaddiema.

2. Huwa staqsa dwar l-advertisment li kellu jsir fuq iż-żewġ mini ta' l-entratura fi Triq is-Swieqi. Is- Sindku nforma li l-Perit qed iħejji l-pjanti meħtieġa. Is- Sindku nforma wkoll li għamel kuntatt ma' l-Onor. Farrugia sabiex jgħin fl-approvazzjoni ta' dan il-permess.

3. Il-Kunsillier issuġerixxa sabiex l-avviz għal-laqgħa annwali tal-lokalita' jiġi ppublikat nhar il-Ħadd 30.03.14 u t-Tlieta 01.04.13 fuq il-gazetti lokali kollha. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Ġie deċiż ukoll li tintbagħat ċirkulari b'dan l-avviż li f'kull residenza.

4. Huwa rrefera għall-fatt li ta' kull ġimgħa qed jkun ammont sostanzjali ta' appuntamenti u għalhekk jkun jaqbel jekk kull nhar ta' Ġimgħa jibda' jintbagħat email bl-appuntamenti kollha mniżżlin għal ġimgħa ta' wara sabiex jkun iktar faċli li wiħed jżomm dawn l-appuntamenti. Wara diskuzzjoni, kien hemm qbil unanimu sabiex jibda' jintbagħt dan l-email. Is- Segretarju Eżekuttiv li din ser tibda' ssir.

5. Il-Kunsillier nforma li l-ewwel offerta li se tagħlaq fi xahar ta'Mejju hija ġbir tal-skart domestiku. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma wkoll li fix-xahar ta' Mejju se jagħlqu wkoll l-offeria tas-servizzi ta' accountant tal-Kunsill u tal-knis u qtugħ tal-ħaxix ħażin pero' dawn bi qbil miż-żewġ naħat, jistgħu jiġu mġedda sa massimu 3 snin. Il-Viċi Sindku talab kopja ta' dokumenti ta' l-offerta' tal-ġbir ta'skart domestiku sabiex dan jibda' fuq ix-xogħlijiet meħtieġa.

APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEĦOR

Ġiet ippreżentata l-iskeda tal-pagamenti nru.71 li ntbagħtet minn qabel lil kull Kunsillier permezz ta' email. Wara li saru xi aġġustamenti mitluba skond l-email tal-Kunsillier A. Curmi ( App.B), kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti biex dawn il-pagamenti jiġu approvati peress li ħadd minn dawk preżenti ma oġezzjona.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI- ikomplu

Mill-Viċi Sindku

1. Il-Viċi Sindku nforma li saret laqgħa ma' l-Avukat tal-Kunsill dwar il-claim tal-ħsarat fir-residenza ta' Sur Blake u fil-ħajt tas-sejjiegħ tal-gabilott fi Triq il-Madliena. Dawn il-ħsarat hu allegat li saru mill-Kuntrattur Silos Ltd. Waqt li kien qed jsir il-kisi bit-tarmak fit-toroq tal-Madliena. Il-Viċi Sindku nforma li l-Kunsill irrid l-ewwel jivverifika jekk dawn il-claims humiex iġġustifikati; jekk iva għandu jiġi nfurmat il-Kuntrattur. Jekk dan ta' l-aħħar ma jaċċettax dawn il-claims allura imbagħad jkun jista' jibda' l-arbitraġġ. Fl-ewwel każ trid issir stima tal-ħsarat ta' ċint tas-sejjiegħ peress li l-istima ta' Sur Blake diġa' qiegħda f' idejn il-Kunsill. Il-Perit tal-Kunsill irrid jivverfika li dawn il-ħsarat ġew ikkaġunati mill-Kuntrattur tat-tarmak.

2. Huwa nforma wkoll li se jibda' jipprepara ittra f'isem il-Kunsill sabiex wara tintbagħat lill-avukat tal-Kunsill u wara lill-avukat tal-kuntrattur Silas Ltd bħala risposta għall-ittra tiegħu. Ġie deċiż li hekk kif tiġi approvat mill-avukat tal-Kunsill, din l-istess ittra tintbagħat permezz ta' email lil kull kunsillier.

3. Il-Viċi Sindku nforma li zebra crossing li hemm fi Triq is-Sidra jekk hu possibli toħroġ ftit 'il barra peress li wieħed mill-arbli ġie installat eżatt quddiem bieb ta' residenza privata bħalma ma ġara eżatt wkoll fi Triq il-Qasam. Huwa ħa l-inkarigu li jkellem lill-kuntrattur inkarigat u lill-perit sabiex jistaqsihom dwar din il-possibilta'.

4. Rigwrad il-fuljett li joħrog mill-Kunsill, huwa nforma li dal-waqt se jibdew ix-xogħlijiet fuqu. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Il-Viċi Sindku talab sabiex kull kunsillier jibgħat ir-rapport tiegħu ta' mhux aktar minn 400 kelma sa' l-aħħar ta' April.

5. Huwa nforma li l-organizzazjoni tal-Hand Ball se torganizza Hand Ball Tournament f' open day. Għaldaqstant għal din l-attivita' se jkunu preżenti diversi personalitajiet kif ukoll l-Onor. S. Bountempo. Huwa ssuġerixxa sabiex jekk hu possibli l-Kunsill jieħu sehem f' din l-attivita'.

6. Il-Viċi Sindku nforma li resident ilmenta li ta'spiss xi sidien irresponsabbli joħorġu il-klieb tagħhom bla ċinga fi Triq Josef Kalleya. Il-Viċi Sindku informa li huwa ġa kellu kuntatti ma' l-Eco Wardens rigward din il-problema.

7. Rigward iż-żebgħa li saret ftit ġranet ilu fi Triq l-Imgħżel, huwa nforma li xi sinjali saru bi żball u għalhekk għandhom jiġu rranġati mill-akatr fis. Is-Segretraju Eżekuttiv ħa l-inkairgu li jinforma lill-ħaddiema dwar din il-materja.

HUGH ZAMMIT
SEGRETARJU EŻEKUTTIV

NOEL MUSCAT
SINDKU

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu**

Mill-Viċi Sindku – ikompli

8. Il-Viċi Sindku nforma li nhar it-Tlieta 25.03.14 f'nofs in-nhar hija data tal-għeluq li dawk kollha li xtraw d-dokument ta' tender tat-Tennis Court jistgħu jissottemtuu l-oferta tagħhom. Għaldaqstant jkun jaqbel li ssir laqgħa fejn fiha jinfetħu l-offerti u jkunu preżenti l-Kunsillieri M. Fava u M. Abela. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

9. Rigward Swieqi Fest għal din is-sena, huwa nforma li bdew xi pjanijiet pero' fil-laqgħat li ġejjin jkun jista' jagħti iktar informazzjoni.

Mill-Kunsillier C. Said

1. Il-Kunsillier infurmat li hija bdiet xi preparament għal Skola Sajf ta' din is-sena għaldaqstant hija xtaqet tikkonferma jekk din hux se titella' mill-bini parrokjali bħas-snin ta' qabel. Hija ġiet infurmat li għal din is-sena jkun jaqbel jekk jibqa' kollox kif inhu. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

2. Hija nfurmat ukoll li nhar it-Tlieta jmiss il-ħarga ta' Buġibba fejn dawk li se jattendew se jkollhom l-opportunita' li jaraw l-aquarium il-ġdid. Għal din il-ħarġa diġa' hemm attendenza tajba.

3. Xi residenti nfurmawha li hemm post perikoluż fiż-żona tal-bandli ta' Ċentru Ċiviku. Is-Segretraju Eżekuttiv għandu jindaga dwar dan il-periklu.

4. Hija nfurmat ukoll li fi Triq il-Ġwielaq kantuniera ma' Triq il-Ħemel, hemm bżonn li titwaħħal tabella bl-isem tat-triq. Is- Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jordna din it-tabella.

Mill-Kunsillier A. Chetcuti

1. Il-Kunsillier irrakomanda li Triq it-Terz u Triq il-Qantar ssir one-way jiġifieri ħruġ biss u dħul biss rispettivament peress li huwa ta' spiss qed jirċievi lmenti tar-residenti dwar din it-triq biex ma tibqax kif inhi bħalissa. Il-Kunsillier A. Curmi issugerixxa sabiex dawn il-proposti jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss tat-Transport Malta.

Il-Kunsillier A. Curmi talab biex jiġi skużat. Il-ħin kien 8.10pm.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu**

Mill-Kunsillier A. Chetcuti- ikompli

2. Huwa ssuġerixxa sabiex jekk hu possibli, l-Kunsill jinstalla bins li jkollhom ukoll ashtray mwaħħla magħhom. Is- Segretaru Eżekuttiv talab l-għajnuna tal-kunsillier fir-rigward ta' stabilimenti li jbiegħu dawn ix-xorta ta' bins.

3. Il-Kunsillier informa li huwa ta' spiss qed jinota li diversi residenti qed joħorġu l-iskart domestiku tagħhom fil-ħinijiet li mhux suppost. Għaldaqstant huwa ssuġerixxa sabiex ssir laqgħa ma' uffiċċjali tal-Melita plc, Vodafone, GO plc, HSBC U BOV ħalli jekk hu possibili joffru xi tip ta' għajnuna finanzjarja ħalli jsiru bill boards bil-ħinijiet ta' ġbir ta' skart tal-lokalita'. Is- Segretaru Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jikteb lil dawn il-kumpaniji.

4. Diversi residenti tat-Triq il-Kwartin ilmentaw li fl-istess triq hemm vettura abbandunata li ilha pparkjata fl-istess post għal żmien twil u li x'aktarx għandha liċenzja skaduta minn Novembru tas-sena 2013. Is- Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkairgu li jindaga dwar din il-materja.

5. Il-Kunsillier issuġerixxa wkoll sabiex vetturi kbar u kummerċjali ma jgħaddux minn taħt il-mini fi Triq is-Swieqi jew inkella l-aħjar li din it-triq tiġi one-way jiġifieir ħruġ biss. Dwar din il-materja ġie deċiż li tiġi diskussa fis-seduti li jmiss.

Mill-Kunsillier M. Fava

1. Il-Kunsillier staqsa dwar meta se jerġa' jiġi nstallat il-bus- stop li nqala' fi Triq Sant Andrija (ħdejn l-istabiliment Sunsrise Inn). Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li skond email li rċevejna mit-Transport Malta; dawn infurmawna li dal-bus stop inqala' peress li kienu se jsiru xi xogħlijiet sabiex tiġi nstallata pedestrian crossing fl-istess post. Huwa informa li se jistaqsi lit-Transoport Malta fiex wasal dan il-proċess.

2. Rigward it-tender ta' Tennis Court; huwa staqsa sabiex issir applikazzjoni għall-fondi mill-UIF sabiex jiġi nstallat multipurpose turf. Is- Segretraju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jitkellem mal-Perit tal-Kunsill.

3. Huwa reġa' nforma li qed ikollu diversi lmenti mingħand residenti li t-tarmak li sar fi Triq il-Qasam m'huwiex illivelat għaldaqstant hu staqsa sabiex isir laqgħa mal-kuntrattur u l-Perit tal-Kunsill dwar dawn ix-xogħlijiet.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu

Mill-Kunsillier M. Fava – ikompli

4. Il-Kunsillier staqsa jekk kienx hemm xi żvillupi ġodda dwar il-konferenza kontra l-abbuż ta' drogi. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li skond l-aħħar korrispondenza li l-Kunsill irċieva minngħand l-Onor. Ministru M. Louse Coleiro Preca kienet li la tkun fir-rwol ta' President tkun tista' toffri l-għajnuna tagħha. Is- Sindku ssuġerixxa li tkun ħaġa siewja li din il-konferenza issir aktar spiss per eżempju kull sentejn.

5. Il-kunsillier ippreżenta rapport idettaljat dwar il-konferenza dwar l-abbuż tad-drogi li se ssir minn dan il-kunsill f' Novembru ta' din is-sena. Dan ir-raport se jkun aness ma' dawn il-Minuti (App.C).

6. Il-Kunsillier M. Fava informa li kellu laqgħa mal-Ministru M. Farrugia fil-preeżenza ta' chairman tal-Bord tal-MEPA fejn huwa oġezzjona għal memo fejn kien intqal li l-MEPA tista' tieħu 30% tal-fondi tal-UIF biex tibni ċnut ma' *plots* abbandunati u tnaddaf l-istess plots. Wara diskuzzjoni, huwa nforma li wasal fi qbil mal-Ministru u dawk preżenti għal-laqgħa li:

   - Din tkun prengattura tal-Kunsilli Lokali
   - Li 30% ikunu tal-bilanċ mhux tal-fondi
   - Li 30% jkunu bħala self u jerġgħu jiġi miżduda mal-fondli meta jinstab is-sid u jħallas l-ispiża
   - Li kull interessi u multi mposti jiġu miżduda mal-fondi tal-Kunsill

HUGH ZAMMIT — SEGRETARJU EŻEKUTTIV

NOEL MUSCAT — SINDKU

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li reġgħet ser titella' l-konferenza internazzjonali ta' l-ECAD. Huwa staqsa jekk din is-sena, il-Kunsill huwiex se jipparteċipa fil-konferenza li jmiss. Il-Kunsillier M.Abela infurmat li din is-sena aktar mis-snin oħra il-Kunsill għandu jipparteċipa u dan minħabba l-konferenza li se ssir minn dan il-Kunsill. Wara diskuzzjoni, kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti li għal din il-konferenza jerġgħhu jitilgħu l-istess rappreżentanti tas-sena l-oħra.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta 3 kwotazzjonijiet għal xiri ta' doggy bins mingħand **Greenskip Group ( €146.26 per bin)**
**Andrew Vassallo (€470.99)**
**Anton Zarb (€140.42)**

Il-Kunsill ideċieda li dawn għandhom jinxtraw minngħand is-Sur A. Zarb.

3. Ġiet ippreżentata kwotazzjoni għal tindif ta' sqaq fil-wied tal-Madliena. Din tammonta għal €1345.00. Din il-kwotazzjoni ġiet minngħand Christian Galea, il-kuntrattur tal-ġbir ta' skart. Il-Kunsill unanimament qabel ma din il-kwotazzjoni.

4. Ġiet ippreżentata kwotazzjoni għall-bdil ta' globi tad-dawl fi Pjazza Uqija li tammonta għal €1652.00. Il-Kunsill ideċieda li għalissa dawnix-xogħlijiet ma jsirux.

5. Is- Segretraju Eżekuttiv nforma dwar ilmenti li kellu hu u s-Sindku dwar il-bexx li qed jintuża mill-kuntrattur sabiex ma jikbirx ħaxix ħażin fit-toroq. Is-Segretraju Eżekuttv għamel kuntatt mal-kuntrattur tal-knis dwar x'bexx qed jintuża u jekk dan huwiex konformi b'kundizzjonijiet ta' saħħa mill-Awtoritajiet Maltin. Il-Kuntrattur ipprovda dokumenti li jsostnu li dan ma jagħmilxz ħsara lill-ambjent.

6. Is-Segretraju Eżekuttiv informa li huwa kiteb lill-Kunsill Malti għall-isports sabiex issir reimbursement ta' l-ispejjeż ta' l-outdoor gym li sra fil-Ġnien FX Ebejer. Huwa ġie nfurmat li dawn l-ispejjeż qegħdin għall-approvazzjoni tal-Bord.

Din il-laqgħa spiċċat fis-9.00pm u sar aġġornament
għal nhar il-Ħamis 10 ta' April 2014 fil-5pm.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**